# BIRKIRKARA MATUL L-AĦĦAR GWERRA

## Xi Tifkiriet (It-tielet Taqsima)

Mill-Perit MICHAEL ELLUL

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, dawk l-aktar milquta direttament mill-ġlied u l-battalji kienu s-suldati u l-baħħara, u fil-każ ta' nies pajżana, dawk li kienu jgħixu fi bliet u rħula madwar il-front u minn fejn kienet tgħaddi l-battalja. Iżda l-ajruplani l-aktar arma qerrieda ta' nofs is-seklu għoxrin, wassal il-gwerra kullimkien. Id-distanzi ma baqgħux jgħoddu, u postijiet li qabel kienu meqjusa ħielsa mit-tiġrib u l-qerda sabu ruħhom f'salt wieħed fil-linja quddiemija tal-ġlied. Fi żmien ftit snin is-sehem tal-popolazzjoni ċivili moderna sar importanti daqs dak tal-baħħar u s-suldat.

Is-snin Tletin raw il-politika tal-Ġermanja ta' Hitler u ta' l-Italja ta' Mussolini iressqu lill-Ewropa u lid-dinja ftit ftit lejn gwerra kbira. Malta, fil-posizzjoni tagħha f'nofs il-Mediterran u l-bażi ewlenija Ngliża fl-inħawi, ma setgħetx ma tħarisx lejn il-ġejjieni b'ċerta biża' li qagħlet lill-awtoritajiet li jaħsbu mhux biss fid-difiża tal-gżira, iżda wkoll fil-ħarsien tal-popolazzjoni mill-attakki mill-ajru.

Il-gwerra ċivili fi Spanja, l-invażżjoni ta' l-Ab sinja mill-Italja, l-okkupazzjoni ta' l-Awstrija mill-Ġermanja u l-kriżi taċ-Ċekoslovakkja, kienu ġrajjiet li f'temp ta' tliet snin ressqu lill-Ewropa f'xifer il-gwerra. Quddiem din it-theddida, tħejja f'Malta pjan ta' evakwazzjoni biex in-nies li kienu joqogħdu fil-Belt Valletta, fil-Kottonera u f'xi postijiet qrib it-targets ewlenin ikunu jistgħu isibu kenn f'postijiet aktar fiż-żgur. Birkirkara kienet minn ta' l-ewwel li ntgħażlet bħala ċentru ewlieni għar-rifuġjati. Avviż tal-Gvern maħruġ sa minn Awissu tal-1939 wissa lin-nies tal-Belt Valletta li l-Kumitat tal-Evakwazzjoni kien se jibgħat nies tiegħu iduru bieb bieb.

Sa anqas minn xahrejn wara l-bidu tal-gwerra in-numru ta' rifuġjati f'Birkirkara laħaq in-numru ta' mhux anqas minn sbatax-il elf ruħ. Meta wieħed iżid dan in-numru mal-popolazzjoni normali, wieħed jista' biss jimmaġina il-problemi enormi li nħolqu bħala riżultat ta' dan fis-setturi kollha tal-ħajja pubblika: problemi tal-edukazzjoni tat-tfal u skejjel (meta dawn reġgħu infetħu); problemi tat-trasport biż-żieda enormi tal-passiġieri u n-nuqqas ta' karozzi minħabba l-iskarsezza tal-petrol; numru mhux biżżejjed ta' ħwienet speċjalment tal-merċa; provvista u tqassim tal-ikel; problemi tal-ilma u d-drenaġġ; iffullar fil-knejjes; il-ħtieġa dejjem akbar ta'

xelters fil-blat, għax maż-żmien anke Birkirkara bdiet idduq il-bombi mill-ajru. Ħafna rifuġjati sabu ruħhom fil-bżonn, l-iktar dawk li kellhom xi negozji żgħar jew ħwienet tax-xogħol fi djarhom li kellhom iħallu bil-fors u malajr. Ħafna kellhom iħallsu żewġ kirjiet jew tlieta dik ta' darhom permanenti, dik għal darhom tal-emerġenza, u l-oħra fejn poġġew l-għamara. L-iffullar u t-taħlit fid-djar u f'postijiet oħra ma naqsux iġibu magħhom problemi ta' natura soċjali u morali. Sa mill-bidu nett tal-gwerra ġo Birkirkara kienet ġiet organizzata mill-parroċċa ġabra ta' kull ġimgħa għall-bżonnijiet tar-rifuġjati li kienu tilfu djarhom, ħwejjiġhom u l-għixien tagħhom. Il-Gvernatur, l-Isqof, l-awtoritajiet ċivili permezz tal-gazzetti kienu jħeġġu lill-Karkariżi biex jifthu djarhom għal ħuthom anqas ixxurtjati minnhom, u biex jgħinu kemm jistgħu biex it-tbatija tagħhom tonqos.

Bħala nkoraġġiment għal dawk il-familji li kienu jżommu magħhom ir-rifuġjati, il-Gvern kien iħajjarhom biex ipinġu mal-faċċata ta' djarhom s-Salib ta' Malta għal kull familja li kienu jżommu. Għadni niftakar, anke għal bosta snin wara tmiem il-gwerra, djar kbar fi Pjazza Sant'Elena, fi Triq il-Kbira, u fi Triq il-Wied b'dawn is-slaleb żgħar ħomor miżbugħin maż-żewġ naħat tal-bieb ewlieni tagħhom.

Birkirkara fil-gwerra ma laqgħetx biss ir-refuġjati, iżda wkoll ikun magħruf l-għadd ta' nies f'kull familja li f'każ ta' emerġenza jmorru fi djar magħżula mill-Kumitat. Iżda l-biċċa l-kbira tan-nies ħasbuha mod ieħor u kienu huma stess, aktarx milli l-Gvern, li għażlu fejn imorru. Minn seta' jikri għal rasu hekk għamel, għax il-Malti jgħid "merqtu u ftietu" u li "ħadd ma joqgħod ma ħadd", u għax dak iż-żmien ma tantx kien diffiċli li ssib postijiet vojta fil-kampanja. Ħafna oħrajn ippreferew li jdeffsu rashom ma nieshom u qrabathom li kienu joqogħdu f'imkien il-bogħod miċ-ċentru tal-periklu. Iżda l-Gvern, kif kien dmiru, kellu wkoll il-pjan tiegħu, u bini pubbliku bħal skejjel, teatri, knejjes u każini, ġew imħejjija għar-rifuġjati.

L-awtoritajiet tal-knisja, quddiem emerġenza daqshekk kbira, taw l-għajnuna kollha li setgħu. Il-Gvern u l-Knisja, wara "survey" li sar f'Birkirkara f'Mejju tal-1940, ftit ġranet biss qabel il-gwerra ma' l-Italja, fost ħwejjeġ oħra ftehmu li: a. il-Parroċċa tibqa' libera għal kollox u miftuħa biss għall-użu normali ta' knisja u ma' tiġi bl-ebda mod imħejjija biex tilqa' fiha rifuġjati. b. iċ-ċwievet ta' dawn il-knejjes jinżammu għand il-kap tal-parroċċa biex jingħataw lill-awtoritajiet ċivili f'każ ta' emerġenza: Il-Knisja tal-Vitorja, Tal-Ħerba, Sant'Antnin, Santu Rokku, San Pawl, L-Oratorju, u l-Knisja tal-Propostu. Lil kull knisja ġie assenjat in-numru ta' nies li jistgħu joqogħdu fiha bħala rifuġjati. c. Sitt kmamar mill-Mużew tas-subien fi Sqaq Nannuwa, sebgħa mill-Mużew tal-bniet fi Triq Brared, tlieta mill-Azzjoni Kattolika tan-nisa, u tmien kmamar miċ-Ċirkolu ta' l-irġiel.

Dan kien il-pjan uffiċċjali miftiehem, iżda fil-prattika ġara li r-rifuġjati marru f'postijiet li fihom setgħu jgħixu għal kollox u mhux biss għal żminijiet qosra. Marru għalhekk f'numri kbar fi djar ta' kull daqs u għamla u ma familji jiġu minnhom kif

ukoll barranin, fil-każini tal-banda, f'teatru, u madwar 400 fl-Iskola tal-Gvern: erbatax-il ċentru b'kollox. Ħafna rifuġjati kienu joqogħdu f'post, fil-waqt li l-għamara li kellhom, u li kienu ġiebu magħhom minn djarhom, poġġewha f'xi remissa jew f'xi garage li kien apposta uffiċċji u dipartimenti tal-Gvern. Fost dawn insibu l-uffiċċju distrettwali tal-Posta ta' Triq it-Torri, tas-Sliema, li mar f'dar fi Triq Fleur-de-Lys, uffiċċju għall-ħlas ta' l-ilma u d-dawl fi Triq Brared; ieħor tal-bank tal-Gvern u d-Dipartimenti tax-Xogħlijiet Pubbliċi fl-Istazzjon il-Qadim tal-Ferrovija; id-dipartiment tal-Edukazzjoni; tat-Tqassim tal-Ikel u l-Ħobż, fi djar ukoll fi Triq Fleur-de-Lys; ir-Reġistru Pubbliku u l-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern fil-Każin tal-Banda, Duke of Connaught fi Triq il-Wied, uffiċċju tar-reklutaġġ tal-Malta Auxiliary Corps fil-Fleur-de-Lys, li dak iż-żmien kienet għadha tagħmel parti minn Birkirkara. Aktar tard infetħu sptarijiet ta' emerġenza fl-iskola tal-Gvern u fil-Kulleġġ San Alwiġi.

L-istorja tar-rifuġjati f'Birkirkara hija waħda mill-isbaħ paġni u mill-aktar interessanti tal-ġrajja tagħha matul l-aħħar gwerra, u Birkirkara stħoqqilha tassew l-isem li tawha matul il-gwerra: "Malta's Emergency Capital".

---

## Lil Sant'Elena

Mara ta' qalb ħanina, j'omm qalbiena,
Int dejjem ħfirt il-ħjiena tal-egħdewwa
U xrobt l-imrar u n-niket ta' kull dnewwa
'Ma ħriġt rebbieħa fuq il-qerq tal-ħżiena.

Mera tal-ommijiet, ta' dak li fdiena
Sammrilhom qalbhom fuq id-dawl tas-sewwa
Biex f'kull tiġrib iduqu dik il-ħlewwa
Li tnixxi mis-salib ta' ruħ lefqiena.

Faraġ tar-omol, qawwa f'kull tiġrib
Int nissel fihom tama ta' qawmien
Għal ħajja aħjar bla swied il-qalb u dmugħ:

Fehmhom sew li f'kull nuqqas tar-ruħ
Insibu l-ferħ u l-hena tal-ħelsien
Minn kull jasar bir-rebħa tas-salib.

**Il-Kantur**
**1985.**